MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2103/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra**
**vs**

**Joe Pellegrini**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sittin lira Maltija u erba' centezmi (Lm60.04), kwantu ghal tnejn u hamsin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm52.21) Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu mis-6 ta' Novembru, 2002 sal-5 ta' Novembru, 2003, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 8848 (Dok "A") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Roca Mar Bar Restaurant", Qawra, u seba' liri u tlieta u tmenin centezmu (Lm7.83) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta’ l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-Avviz, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-15 ta’ Frar, 2003, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut ikkontesta t-talba billi qal li hu ghandu direttiva mill-Malta Hotel and Restaurants Association biex ma jhallasx l-ammont.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard ghas-socjeta` attrici, u tal-kjonvenut Joe Pellegrini. Ha konjizzjoni tad-dokument esibit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. It-talba attrici hija bbazata fuq ftehim li sar bejn il-partijiet ffirmat mill-istess konvenut. Il-konvenut stess jikkonferma dan.**
**2. Il-konvenut qed jghid li hu m’ghandux ihallas ghax hemm direttiva mill-Malta Hotels and Restaurants Association sabiex ma jhallasx.**
**3. Mid-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici, jidher li kienet ntbghatet cirkulari mill-MHRA lill-membri taghha li fiha inghad bic-car lill-membri li dawn ghandhom l-ewwel jitterminaw il-kuntratt ezistenti. Dana l-konvenut m’ghamlux, u ghalhekk jibqa’ l-obbligu da parti tieghu ghall-hlas lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvat, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lil-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sittin lira Maltija u erba’ centezmi (Lm60.04) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta’ Novbembru, 2002, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-15 ta’ Frar, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------